

Brussell, 20 ta' Frar 2023
(OR. en)

6573/23

CONOP 12
CFSP/PESC 296

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ħames Konferenza ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-diżarm u n-nonproliferazzjoni fil-qasam kimiku biex tiġi definita l-pożizzjoni tal-UE bil-ħsieb tal-Ħames Sessjoni Speċjali tal-Konferenza tal-Istati Parti ta' Reviżjoni tal-Funzjonament tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu ta' Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom, li ser issir f'The Hague mill-15 sad-19 ta' Mejju 2023, kif approvati mill-Kunsill fl-20 ta' Frar 2023.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-diżarm u n-nonproliferazzjoni fil-qasam kimiku bil-ħsieb tal-Ħames Sessjoni Speċjali tal-Konferenza tal-Istati Parti ta' Reviżjoni tal-Funzjonament tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu ta' Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom,
The Hague, 15-19 ta' Mejju 2023**

1. L-Unjoni Ewropea hija magħquda fl-appoġġ tagħha għall-projbizzjoni u l-eliminazzjoni totali tal-armi kimiċi kif ukoll għall-ġlieda kontra l-impunità għall-użu ta' armi kimiċi. Il-Kunsill jemmen bis-sħiħ li l-użu tal-armi kimiċi, inkluż l-użu ta' kwalunkwe sustanza kimika tossika bħala arma, minn xi ħadd, sew jekk Stat u sew jekk attur mhux Statali, ikun fejn ikun, u tkun xi tkun iċ-ċirkostanza, huwa inaċċettabbli u jeħtieġ li jiġi kkundannat b'mod vigoruż. Dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt internazzjonali u jista' jwassal għal delitt tal-gwerra jew delitt kontra l-umanità. Billi ma jista' jkun hemm l-ebda impunità u dawk responsabbli għal tali atti aborrenti għandhom u ser jinżammu responsabbli, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huma sodi fid-determinazzjoni tagħhom li jkomplu bl-impenn tagħhom għal din il-kawża, b'mod partikolari permezz tas-Sħubija Internazzjonali Kontra l-Impunità għall-Użu ta' Armi Kimiċi.
2. L-Unjoni Ewropea tilqa' l-ħruġ tat-tielet rapport tat-Tim ta' Investigazzjoni u Identifikazzjoni (IIT) lill-Kunsill Eżekuttiv tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) u lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fis-27 ta' Jannar 2023. Ir-rapport jikkonkludi li hemm bażijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li fis-7 ta' April 2018 f'Douma, ir-Repubblika Għarbija Sirjana, il-Forza tal-Ajru Għarbija Sirjana użat il-kloru matul attakk militari, qatlet 43 persuna u affettwat għexieren oħra.
3. L-Unjoni Ewropea tikkundanna bil-qawwa l-użu ta' armi kimiċi mill-Forza tal-Ajru Għarbija Sirjana kif ġie konkluż fir-rapport. Aħna nappoġġaw bis-sħiħ is-sejbiet tar-rapporti li jkomplu jikkonfermaw in-nuqqas sistematiku tar-Repubblika Għarbija Sirjana li tikkonforma mal-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi (CWC) u r-risoluzzjoni 2118 (2013) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Ir-rapportar professjonali tat-Tim ta' Investigazzjoni u Identifikazzjoni huwa kontribut importanti għall-isforzi biex tintemm l-impunità għall-użu ta' armi kimiċi.

4. Il-Kunsill jikkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu ta' Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom, li daħlet fis-seħħ fid-29 ta' April 1997, bħala strument ewlieni għad-diżarm u n-nonproliferazzjoni, u l-integrità u l-applikazzjoni stretta tagħha jridu jiġu garantiti bis-siġħ biex tissalvagwardja l-paċi u s-sigurtà internazzjonali. F'dan ir-rigward, il-Kunsill huwa konvint li fil-25 sena ta' eżistenza tagħha, il-Konvenzjoni saħħet b'mod sinifikanti l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli billi stabbiliet norma globali kontra l-użu ta' armi kimiċi kif ukoll billi saħħet il-kooperazzjoni internazzjonali fl-eliminazzjoni u l-prevenzjoni tal-emerġenza mill-ġdid ta' armi kimiċi madwar id-dinja.
5. Il-Kunsill jilqa' l-progress sinifikanti miksub fil-qerda ta' ħażniet kimiċi ddikjarati. Mill-31 ta' Ottubru 2022, 99.4 % tal-ħażniet kimiċi ddikjarati fid-dinja nqerdu b'mod verifikabbli filwaqt li l-uniku Stat detentur li fadal jinsab fit-triq it-tajba biex ilesti l-qerda tal-istokk li fadal tiegħu sat-30 ta' Settembru 2023.
6. Is-CWC għandha waħda mill-aktar sħubijiet estensivi fost ir-reġimi internazzjonali ta' diżarm u nonproliferazzjoni. L-oġettiv għandu jibqa' li tinkiseb kopertura globali, u għalhekk l-Istati li mhumiex parti għas-CWC għandhom ikomplu jiġu mħeġġa jissiehu fil-Konvenzjoni. L-isforzi tagħna għandhom jibqgħu sodi sakemm tinkiseb l-universalità sħiħa tal-Konvenzjoni u sakemm il-popolazzjoni kollha tad-dinja tkun qed tgħix taħt il-protezzjoni tal-Konvenzjoni.
7. Fil-fehma tal-Kunsill, huwa profondament inkwetanti li l-komunità internazzjonali għadha qed tħabbat wiċċha mal-użu tal-armi kimiċi. Il-Kunsill ikkundanna bil-qawwa l-użu ppruvat ta' armi kimiċi fis-Sirja f'diversi okkażjonijiet mill-2013, fir-Renju Unit fl-2018 u fir-Russja fl-2020. L-armi kimiċi ntużaw ukoll fl-Iraq u l-Malażja. B'reazzjoni għall-emerġenza mill-ġdid tal-użu ta' armi kimiċi, fil-15 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tistabbilixxi reġim ta' miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi. Il-Kunsill impona wkoll sanzjonijiet fil-qafas tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tiegħu b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, li ġie stabbilit fis-7 ta' Diċembru 2020. Il-Kunsill huwa lest jikkunsidra li jieħu aktar miżuri kif xieraq, u ser ikompli jaħdem biex jiżgura li dawk responsabbli għal dawn id-delitti faħxija jerfgħu responsabbiltà sħiħa għalihom.

8. Il-Kunsill jissottolinja l-konvinzjoni qawwija li hija r-responsabbiltà tal-komunità internazzjonali li tidentifika u żżomm responsabbli lill-awturi ta' kwalunkwe attakk b'armi kimiċi. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jappoġġa bis-sħiħ l-implimentazzjoni kontinwa tad-deċiżjoni adottata fir-Raba' Sessjoni Speċjali tal-Konferenza tal-Istati Parti fis-27 ta' Ġunju 2018 li twassal għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu indipendenti għall-attribuzzjoni, it-Tim ta' Investigazzjoni u Identifikazzjoni tal-OPCW (IIT).
9. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għall-implimentazzjoni sħiħa tas-CWC u jfakkar fir-rwol vitali li għandha l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi fit-twettiq tal-għanijiet stabbiliti mill-Konvenzjoni. Sabiex tkompli l-ħidma vitali tagħha, l-OPCW teħtieġ bażi finanzjarja prevedibbli u soda. L-Unjoni Ewropea tappella lill-Istati Parti kollha biex iħallsu l-kontribuzzjonijiet ivvalutati tagħhom b'mod sħiħ u fil-ħin. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar li l-UE hija l-akbar kontributor ta' finanzjament volontarju lill-OPCW permezz ta' proġetti ffinanzjati mill-baġit tal-UE u mill-baġits nazzjonali individwali tal-Istati Membri tal-UE. Dawn il-proġetti jappoġġaw, fost l-oħrajn, il-bini tal-kapaċità, iċ-ċibersigurtà tal-OPCW u l-protezzjoni tal-informazzjoni kif ukoll il-forniment ta' immaġni bis-satellita għal attivitajiet tal-OPCW.
10. Il-Kunsill itenni l-fiduċja sħiħa tiegħu fis-Segretarjat Tekniku tal-OPCW, il-professjonaliżmu, l-indipendenza, l-imparzjalità u l-kompetenza teknika stabbilita sew tiegħu. L-UE tibqa' soda fid-difiża tal-Organizzazzjoni kontra attakki intenzjonati u bla bażi fuq l-integrità u l-kredibbiltà tagħha. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jissottolinja l-komplementarjetà tal-ħidma bejn l-OPCW u n-Nazzjonijiet Uniti u japprezza l-kondiviżjoni regolari ta' informazzjoni tal-attivitajiet u l-investigazzjonijiet tal-OPCW mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.
11. In-nuqqas tar-reġim Sirjan li jirrispetta l-obbligi internazzjonali tiegħu skont il-Konvenzjoni huwa sostanzjat permezz ta' ħidma u investigazzjonijiet komprensivi u bir-reqqa mwettqa mill-Mekkaniżmu ta' Investigazzjoni Konġunt bejn l-OPCW u n-NU (MIK), it-Tim ta' Valutazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet (DAT) tal-OPCW, il-Missjoni ta' Tiftix tal-Fatti (FFM) u l-IIT.

12. Id-Deċizzjoni adottata fil-25 Konferenza tal-Istati Parti għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi li tissospendi d-drittijiet tal-vot u l-privileġġi tar-Repubblika Għarbija Sirjana hija messaġġ qawwi għall-integrità tal-Konvenzjoni, kontra l-impunità għall-użu ta' armi kimiċi, u fid-difiża tad-Dritt Internazzjonali, inkluż id-Dritt Umanitarju Internazzjonali. Din hija reazzjoni xierqa mill-Konferenza għall-ksur ċar tal-Konvenzjoni u l-prinċipji ewlenin tagħha mir-reġim Sirjan. Sabiex id-drittijiet tal-vot u privileġġi oħra tiegħu jiġu restawrati, jeħtieġ li r-reġim Sirjan isolvi l-kwistjonijiet pendenti kollha, jiddikjara l-firxa sħiħa tal-programm tiegħu tal-armi kimiċi, u jerġa' lura għal konformità sħiħa mal-Konvenzjoni.
13. Il-Kunsill ifaħħar il-ħidma tas-Segretarjat Tekniku tal-OPCW dwar l-aspetti kollha tal-programm tal-armi kimiċi Sirjani u japprezza l-isforzi kontinwi tiegħu biex jinvolvi ruħu mar-Repubblika Għarbija Sirjana inkluż fil-livell ministerjali. Il-Kunsill ihegheg lir-reġim Sirjan biex jaġixxi b'mod kostruttiv għax ma hemm l-ebda alternattiva għal kooperazzjoni sħiħa u effettiva mir-Repubblika Għarbija Sirjana mal-OPCW f'konformità mal-Konvenzjoni u r-risoluzzjoni 2118 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Kważi għaxar snin wara d-dikjarazzjoni inizjali mir-Repubblika Għarbija Sirjana, din għadha ma tistax titqies preċiża u kompluta, u ħafna mistoqsijiet importanti dwar il-programm Sirjan tal-armi kimiċi għadhom mingħajr tweġiba.
14. L-Unjoni Ewropea diġà imponiet miżuri restrittivi fuq 36 uffiċjal għoli Sirjan, xjenzati u negozjanti kif ukoll tliet entitajiet għar-rwol tagħhom fl-iżvilupp u l-użu ta' armi kimiċi. Fl-14 ta' Novembru 2022, il-Kunsill iddeċieda li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra żewġ negozjanti u l-kumpanija tagħhom li tforni liċ-Ċentru Sirjan għall-Istudji u r-Riċerka (SSRC) b'materjali użati għall-produzzjoni ta' sistemi ta' kunsinna ta' armi kimiċi. L-Unjoni Ewropea lesta tikkunsidra l-introduzzjoni ta' aktar miżuri kif xieraq.
15. Il-Kunsill ittenni t-tħassib serju tiegħu li l-Federazzjoni Russa ma rreaġixxietx għall-appelli internazzjonali għal investigazzjoni bir-reqqa u trasparenti fl-attentat ta' qtil kontra l-figura tal-oppożizzjoni Russa, is-Sur Alexei Navalny. L-avvelenament tas-Sur Navalny fir-Russja f'Awwissu 2020 permezz ta' aġent nervin tal-grupp "Novichok" (sustanza żviluppata mir-Russja), ġie kkonfermat, mingħajr dubju, minn laboratorji ċċertifikati fil-Ġermanja, Franza u l-Iżvezja, kif ukoll mill-OPCW.

Il-Kunsill ikkundanna dan l-avvelenament bl-aktar mod qawwi possibbli u ssanzjona sitt uffiċjali tal-gvern Russu u istitut ta' riċerka tal-istat marbuta mal-attentat ta' qtil. Il-Kunsill għal darb'oħra jhegġegħ lill-Federazzjoni Russa biex tipprovdi tweġibiet sostanzjali għall-mistoqsijiet magħmula minn 45 Stat Parti fil-qafas tal-Artikolu IX, il-paragrafu 2, tal-Konvenzjoni fil-5 ta' Ottubru 2021, u biex tiżvela mingħajr aktar dewmien iċ-ċirkostanzi tal-attentat ta' qtil kontra s-Sur Navalny.

16. Il-Kunsill jikkundanna bil-qawwa wkoll il-gwerra ta' aggressjoni mhux ġustifikata, mhux provokata u illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna. Bħala parti minn tali aggressjoni kontra l-Ukrajna, ir-Russja involviet ruħha f'kampanja ta' diżinformazzjoni u propaganda kontrollata mill-istat fit-tixrid ta' allegazzjonijiet mhux sostanzjati u bla bażi kontra l-Ukrajna u oħrajn rigward armi kimiċi filwaqt li rriskjat l-esponiment tal-popolazzjoni Ukrena għal sustanzi kimiċi tossiċi permezz ta' attakki intenzjonati kontra faċilitajiet industrijali ċivili. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jappoġġaw lill-OPCW f'każ li l-Ukrajna titlob assistenza mill-OPCW minħabba inċident kimiku jew attakk kimiku allegat. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea għandha l-kapaċità li tipprovdi valutazzjonijiet rapidi tal-inċidenti kimiċi fl-Ukrajna u tinsab lesta li twieġeb malajr għal talbiet mill-Ukrajna għal assistenza.
17. Huwa stabbilit sew li l-Ukrajna hija membru responsabbli tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi u f'konformità sħiħa mal-Konvenzjoni. Il-Kunsill b'dan ifakkar li r-Russja, il-pajjiż responsabbli għall-gwerra li għaddejja u għall-ksur tad-dritt internazzjonali u tad-dritt umanitarju internazzjonali fl-Ukrajna, għandha rekord passat fl-użu ta' armi kimiċi fi qtil u tentattivi ta' qtil. Wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-UE adottat varjetà ta' pakketti ta' sanzjonijiet mingħajr preċedent kontriha. Fit-3 ta' Ġunju 2022, il-lista ta' sanzjonijiet ġiet emendata biex tipprojbixxi l-esportazzjoni ta' sustanzi kimiċi lejn ir-Russja li jistgħu jintużaw ħażin għall-manifattura ta' armi kimiċi.
18. Il-Kunsill jistenna b'interess il-ftuħ ta' Ċentru tal-Kimika u t-Teknoloġija ("iċ-Ċentru ChemTech") bħala l-inizjattiva ewlenija l-ġdida tal-OPCW, li tikkombina attivitajiet ta' laboratorju u ta' verifika tal-ogħla livell ma' kooperazzjoni u assistenza internazzjonali.

Fil-fehma tal-Kunsill, iċ-Ċentru ChemTech ser ikun strumentali fit-taħriġ u ż-żamma tal-għarfien espert ewlieni meħtieġ għall-kompiti ta' verifika tal-OPCW, fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali u l-programmi ta' assistenza u fl-indirizzar tal-isfidi u l-oportunitajiet emerġenti tax-xjenza u t-teknoloġija, u għandu jiġi żgurat l-użu sħiħ tal-potenzjal tiegħu. L-UE tinsab kburija li hija waħda mid-donaturi ewlenin għall-bini taċ-Ċentru ChemTech, permezz ta' kontribuzzjonijiet volontarji importanti magħmula mill-UE u l-Istati Membri tagħha.

19. Sabiex tibqa' adattata għall-iskop tagħha, l-OPCW teħtieġ Segretarjat Tekniku kompletament operattiv, mgħammar bl-għarfien u l-kompetenza meħtieġa. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jissottolinja l-hteġa li tiġi emendata l-Politika ta' Pussess tal-OPCW, biex il-livell ta' flessibbiltà jinġieb eqreb lejn organizzazzjonijiet oħra fil-qasam tad-diżarm li ma joffrux prospettivi ta' karriera. Il-Kunsill jappoġġa wkoll Segretarjat ġeografikament varjat u jinkoraġġixxi lis-Segretarjat biex ikompli bl-isforzi tiegħu f'dan ir-rigward, b'rispett sħiħ tal-Artikolu VIII tal-Konvenzjoni. L-Istati Parti huma mħeġġa wkoll jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jippreżentaw kandidati kwalifikati għal pozzizzjonijiet vakanti tal-OPCW.
20. Il-Kunsill jemmen bis-sħiħ li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri huma meħtieġa biex jitwettaq il-mandat tal-OPCW, u għandhom ikomplu jkunu parti integrali fl-oqsma kollha tal-ħidma tal-OPCW u l-implimentazzjoni tas-CWC. Diversità wiesgħa ta' fehmiet hija essenzjali għat-teħid ta' deċizzjonijiet u tgħin biex jiġu indirizzati b'effettività akbar l-isfidi li qed tiffaċċa l-OPCW. Infaħħru lid-Direttur Ġenerali u lis-Segretarjat Tekniku għall-ħidma li wettqu s'issa u nistennew b'interess aktar progress mill-Organizzazzjoni lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u fl-implimentazzjoni tar-Risoluzzjoni 1325 tal-KSNU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u r-risoluzzjonijiet sussegwenti tal-Organizzazzjoni. Il-Kunsill jinnota li huma meħtieġa aktar azzjonijiet lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż permezz tal-implimentazzjoni rapida tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu dwar il-Ġeneru u d-Diversità, it-tisħiħ tan-network tal-punti fokali tal-ġeneru u t-titjib tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma kollha tal-ħidma tas-Segretarjat Tekniku.
21. Il-Konferenza tal-Istati Parti fl-Erbgħa u Ghoxrin sessjoni tagħha adottat id-Deċiżjonijiet (C-24/DEC.4 u C-24/DEC.5 tas-27 Novembru 2019) li jemendaw l-Iskeda 1 għall-Anness dwar is-Sustanzi Kimiċi, biż-żieda ta' tliet familji ġodda ta' sustanzi kimiċi, inkluż is-sustanza użata f'Salisbury, ir-Renju Unit fl-2018. Il-Kunsill iqis li huwa essenzjali li s-CWC tibqa' reattiva għal theddid ġdid u emerġenti, inkluż permezz ta' aġġornamenti regolari għall-Anness dwar is-Sustanzi Kimiċi, kif xieraq.

22. Il-Kunsill ifakkar li fis-Sitta u Għoxrin sessjoni tagħha, il-Konferenza tal-Istati Parti adottat id-Deċiżjoni "Fehim rigward l-użu aerosolizzat ta' sustanzi kimiċi li jaġixxu fuq is-Sistema Nervuża Ċentrali (CNS) għal Finijiet tal-Infurzar tal-Liġi" (traduzzjoni mhux uffiċjali) (CSP-26/Dec.10, datata l-1 ta' Diċembru 2021). Il-Kunsill jinnota li l-użu aerosolizzat ta' sustanzi kimiċi li jaġixxu fuq is-CNS huwa mifhum li huwa inkonsistenti ma' finijiet tal-infurzar tal-liġi bħala "fini mhux projbita" skont il-Konvenzjoni u jinnota wkoll li d-deċiżjoni ma tindirizzax l-użu ta' sustanzi kimiċi li jaġixxu fuq is-CNS għal finijiet oħra mhux projbiti skont il-Konvenzjoni.
23. Il-Kunsill jemmen li l-involviment mill-qrib tal-OPCW ma' Organizzazzjonijiet Internazzjonali rilevanti oħra, l-industrija tal-kimika, id-dinja akkademika, iż-żgħażaġh u s-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet nongovernattivi fuq bażi regolari huwa ta' benefiċċju għall-ħidma tal-OPCW u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Il-Kunsill huwa mħasseb li l-parteeċipazzjoni tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili fil-laqgħat tal-OPCW ġiet ostakolata kontinwament minn għadd żgħir ta' Stati Parti li jopponu tali parteċipazzjoni mingħajr ma jipprovdu l-ebda ġustifikazzjoni u jappella għall-ħolqien ta' proċedura definita b'mod ċar, ġusta u trasparenti għall-parteeċipazzjoni tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili fil-futur.
24. Il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni (A/RES/77/73) dwar l-implimentazzjoni tas-CWC fis-7 ta' Diċembru 2022 mill-Assemblea Ġenerali tan-NU. Ir-Riżoluzzjoni hija espressjoni tal-appoġġ u l-apprezzament tal-Istati Membri tan-NU għall-ħidma tal-OPCW, il-korp ta' implimentazzjoni tas-CWC.
25. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jsaħħaħ is-sigurtà u s-sikurezza kimiċi globalment. L-inizjattiva tal- UE dwar iċ- Ċentri ta' Eċċellenza (CoE) Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari hija faċilitatur importanti għall-isforzi ta' haġna Stati Parti tal-OPCW biex itejbu l-kapaċitajiet tagħhom kontra t-theddid CBRN. L-inizjattiva taċ-Ċentri ta' Eċċellenza taħdem f'għadd ta' oqsma li huma komplementari għall-attivitajiet tal-OPCW, b'mod partikolari d-detezzjoni, il-prevenzjoni, it-tnejjja, ir-rispons, u l-miżuri leġiżlattivi u regolatorji. Barra minn hekk, l-UE tipprovdi kontribuzzjonijiet finanzjarji volontarji b'appoġġ għall-Mekkaniżmu tas-Segretarju Ġenerali għall-investigazzjoni tal-użu allegat ta' armi kimiċi u bijoloġiċi.

26. Fit-28 ta' April 2004, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta b'mod unanimu r-Risoluzzjoni 1540 (2004), u b'hekk irriafferma li l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom huma theddida għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. L-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi u l-implimentazzjoni tar-Risoluzzjoni 1540 (2004) u r-Risoluzzjonijiet sussegwenti jsaħħu lil xulxin. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-eżitu tal-proċess ta' reviżjoni komprensiva, fl-2022, tar-Risoluzzjoni 1540 (2004), li ċ-ċentralità, l-importanza u l-awtorità tagħha ġew affermati bir-Risoluzzjoni 2663 (2022) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Sa mill-2006, l-Unjoni Ewropea għandha impenn fit-tul li tappoġġa l-implimentazzjoni tar-Risoluzzjoni 1540 (2004) tal-KSNU. L-aħħar Deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE (PESK) 2017/809, adottata fil-11 ta' Mejju 2017, tipprevedi aktar assistenza lill-Istati interessati biex issaħħaħ il-kapaċitajiet nazzjonali tagħhom fl-implimentazzjoni tar-Risoluzzjoni 1540 (2004) tal-KSNU u biex tiffaċilita kooperazzjoni akbar bejn il-partijiet ikkonċernati kollha.
27. Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat appoġġ politiku, diplomatiku u finanzjarju kontinwu tal-UE għall-implimentazzjoni tas-CWC kif ukoll li jiġu żgurati r-rappreżentanza u l-viżibbiltà ta' livell għoli u l-protezzjoni effettiva tal-interessi tal-UE dwar kwistjonijiet dwar is-sustanzi kimiċi f'fora internazzjonali u b'mod partikolari fi ħdan l-OPCW. Il-Kunsill ifakkar li huwa essenzjali li l-atturi rilevanti kollha tal-UE, inkluż is-SEAE, ikomplu bl-impenn attiv tagħhom mal-OPCW u bir-rappreżentanza tagħhom fih. Għal dan l-għan, il-Kunsill jistenna b'interess l-istabbiliment bikri tad-Delegazzjoni tal-UE għall-Organizzazzjonijiet Internazzjonali bbażata f'The Hague.

Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea rigward il-Ħames Sessjoni Speċjali tal-Konferenza tal-Istati Parti ta' Reviżjoni tal-Funzjonament tas-CWC, The Hague, 15-19 ta' Mejju 2023

28. Il-Ħames Konferenza ta' Reviżjoni ser tkun opportunità biex jiġi kkunsidrat kif tista' tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni bħala strument ewlieni tar-reġim internazzjonali ta' nonproliferazzjoni u diżarm. Il-kisba ta' viżjoni komuni dwar il-ġlieda kontra l-emerġenza mill-ġdid ta' armi kimiċi u s-salvagwardja tan-norma globali ta' nuqqas ta' użu hija responsabbiltà kondiviża tal-Istati Parti kollha.

29. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha qed jikkontribwixxu b'mod attiv u kostruttiv għall-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma Miftuħ (OEWG).

Il-programm ta' ħidma maqbul tal-OEWG jippermetti lid-delegazzjonijiet kollha jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u joffri lid-delegazzjonijiet l-opportunità li jistabbilixxu l-aspettattivi u l-prijoritajiet tagħhom għall-futur. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jesprimi l-gratitudni tiegħu lill-President, l-Ambaxxatur Lauri Kuusing tal-Estonja, talli mexxa l-ħidma b'mod miftuħ u inklużiv, bl-għan li jinbena kunsens.

30. Il-Kunsill ser jikkontribwixxi b'mod kostruttiv u jirsisti biex jintlaħaq kunsens fil-Ħames Konferenza ta' Reviżjoni fl-2023, filwaqt li jaħdem għall-oġettivi prinċipali li ġejjin li għandhom ikunu riflessi fid-dokument ta' eżitu tal-Konferenza ta' Reviżjoni, fil-qafas aktar ġenerali li jenfasizza ferm in-norma ta' non-użu, l-integrità tas-CWC/l-OPCW u l-irfigħ tar-responsabbiltà:

- i. Tisħiħ tas-CWC billi titkompla l-ħidma fuq il-progress miksub fil-qerda tal-ħażniet iddikjarati tal-armi kimiċi u l-prevenzjoni li jfeġġu mill-ġdid, permezz, fost l-oħrajn, tat-tisħiħ u l-adattament tas-sistema ta' verifika tas-CWC, it-titjib tal-implimentazzjoni nazzjonali, l-indirizzar tal-kwistjoni tas-sikurezza u s-sigurtà kimiċi kif ukoll sforzi biex tinkiseb l-universalità;
- ii. Tisħiħ tas-CWC billi tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tagħha fid-dawl tal-ambjent tas-sigurtà globali li qed jinbidel u l-iżviluppi fl-industrija globali tal-kimika u fix-xjenza u t-teknoloġija, u billi jkun enfasizzat li jeħtieġ li l-Ħames Konferenza ta' Reviżjoni tipprovdi appoġġ politiku u gwida wiesgħa għall-ħidma li għandha ssir fil-perjodu intersessjonali fuq il-prijoritajiet futuri tal-OPCW;
- iii. Tisħiħ tas-CWC billi tittejjeb in-norma globali kontra l-użu ta' armi kimiċi billi jiġi indirizzat il-ksur tal-Konvenzjoni inkluż permezz ta' investigazzjoni indipendenti u attivitajiet ta' attribuzzjoni;

- iv. Li l-OPCW jinżamm bħala ċ-ċentru ta' għarfien dwar kwistjonijiet ta' armi kimiċi fl-aktar sens wiesa' u li tittejjeb ir-robustezza tal-OPCW u l-kapaċità aġġornata tas-Segretarjat Tekniku permezz, fost l-oħrajn, ta' politiki konsistenti ta' reklutaġġ u promozzjoni bbażati fuq il-mertu filwaqt li jiġu żgurati d-diversità ġeografika, il-bilanċ bejn il-ġeneri u t-titjib tal-politika ta' pussess, kif ukoll li jsir l-aħjar użu mill-opportunitajiet offruti miċ-Ċentru ChemTech;
- v. Li jingħata kontribut għar-reviżjoni sħiħa tal-funzjonament tas-CWC b'kont meħud b'mod partikolari tal-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi inkluż il-konverġenza tal-kimika u l-bijoloġija, it-teknoloġiji ġodda ta' produzzjoni kif ukoll l-iżviluppi fl-istrumentazzjoni u l-metodoloġiji ta' verifika;
- vi. Li jiġu promossi l-kwistjonijiet essenzjali msemmija hawn fuq billi, fost l-oħrajn:
 - a) **Jirrispetta** l-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi (CWC) bħala strument ewlieni tal-arkitettura globali tan-nonproliferazzjoni u d-diżarm u l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli.
 - b) **Jikkundanna** l-każijiet ta' użu ta' armi kimiċi li seħħew matul dawn l-aħħar snin fis-Sirja, fl-Iraq, fil-Malażja, fir-Renju Unit, u fir-Russja.
 - c) **Jisħaq** fuq l-obbligu li tiġi adottata leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni nazzjonali bħala l-qalba ta' dak li l-Istati Parti impenjaw ruħhom għalih meta ngħaqdu mal-Konvenzjoni. Huwa ta' dispjaċir li 25 sena wara d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni, 35 Stat għad iridu jadottaw miżuri ta' implimentazzjoni inizjali.
 - d) **Iħeġġeġ** lill-Istati kollha li mhumieq parti għas-CWC biex jingħaqdu mal-Konvenzjoni bil-ħsieb li tinkiseb universalità.
 - e) **Ifaħħar** it-tmexxija tad-Direttur Ġenerali tal-OPCW, l-Ambaxxatur Fernando Arias, u jtenni l-fiduċja sħiħa tal-Kunsill fis-Segretarjat Tekniku tal-OPCW, fil-professjonaliżmu, l-indipendenza, l-imparzjalità u l-kompetenza teknika stabbilita sew tiegħu fl-implimentazzjoni tas-CWC u fil-kompiti assenjati mill-Istati Parti.
 - f) **Jiddefendi** s-Segretarjat Tekniku tal-OPCW kontra akkużi u attakki bla bażi fuq l-integrità u l-kredibbiltà tiegħu permezz ta' kampanji intenzjonati ta' diżinformazzjoni sponsorjata mill-istat.
 - g) **Japprezza** l-kapaċità tal-OPCW li tindirizza l-allegazzjonijiet ta' użu ta' armi kimiċi fis-Sirja, inkluż permezz tal-ħidma tal-Missjoni ta' Tiftix tal-Fatti u l-IIT.

- h) **Jesprimi** t-tħassib dwar il-lakuni u d-diskrepanzi kontinwi fid-dikjarazzjoni inizjali Sirjana u jirrikonoxxi l-ħidma tat-Tim ta' Valutazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet.
- i) **Ifakkar** fl-appoġġ konsistenti u qawwi tal-Kunsill għall-implimentazzjoni tas-CWC inkluż il-kontribuzzjonijiet finanzjarji volontarji estensivi tiegħu b'appoġġ għall-attivitajiet tal-OPCW.
- j) **Ifakkar** li l-ġlieda kontra l-emerġenza mill-ġdid ta' armi kimiċi u s-salvagwardja tan-norma globali ta' nonużu hija responsabbiltà kondiviża tal-Istati Parti kollha.

Dwar il-Verifika

- k) **Jenfasizza** u jirrispetta r-reġim ta' verifika tal-Konvenzjoni, kif imwettaq mill-OPCW permezz tal-attivitajiet ta' verifika tagħha, bħala essenzjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Konvenzjoni u għan-norma kontra l-użu ta' armi kimiċi.
- l) **Jirrikonoxxi** li fid-dawl tal-bidliet fl-industrija tal-kimika u l-iżviluppi rapidi fix-xjenza u t-teknoloġija, ir-reġim ta' verifika jeħtieġ xi adattament sabiex jibqa' rilevanti.
- m) **Itejjeb** r-Reġim ta' Verifika tal-Artikolu VI billi l-proċessi ta' spezzjoni jsiru aktar effiċjenti, aktar sempliċi, u billi l-proċessi tal-għażla għall-ispezzjonijiet jiġu adattati għar-rekwiżiti attwali, b'mod partikolari l-metodoloġija għall-għażla ta' Faċilitajiet Oħra ta' Produzzjoni Kimika (OCPF) għall-ispezzjoni.
- n) **Jenfasizza** l-importanza li jiżdiedu s-sigurtà u s-sikurezza kimiċi madwar id-dinja u **jisħaq** fuq il-ħtieġa li jiġu koperti l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja kimika – jiġifieri mhux biss il-produzzjoni iżda wkoll it-trasport, il-ħżin u r-rimi.
- o) **Jappoġġa** l-iżvilupp ulterjuri ta' kapaċitajiet, għodod u metodoloġiji tas-Segretarjat biex jiġu investigati allegazzjonijiet dwar l-użu ta' armi kimiċi, bħall-forensika kimika.

Dwar il-Bini tal-Kapaċità u l-Assistenza Internazzjonali

- p) **Jissottolinja** l-importanza ta' appoġġ kontinwu għall-bini tal-kapaċità u għall-promozzjoni ta' użi paċifiċi tal-kimika.
- q) **Ifakkar** li l-ġlieda kontra t-terroriżmu kimiku tirrikjedi b'mod effettiv li l-Istati Parti jsaħħu l-oqfsa leġiżlattivi u regolatorji, jiżviluppaw kapaċitajiet adegwati ta' prevenzjoni u rispons, u jtejbu l-kooperazzjoni fil-livelli reġjonali u internazzjonali.
- r) **Jipproponi** li l-Konferenza ta' Reviżjoni titlob lis-Segretarjat Tekniku biex ikompli jiżviluppa programmi ta' appoġġ relatati mal-leġiżlazzjoni u l-oqfsa regolatorji relatati mas-sigurtà kimika u l-ġlieda kontra t-terroriżmu kimiku.
- s) **Jissalvagwardja** l-abbiltà u l-kapaċità tas-Segretarjat li jwettaq missjonijiet mhux ta' rutina peress li jipprovdu lill-Istati Parti b'informazzjoni oġġettiva u affidabbli dwar allegazzjonijiet dwar l-użu ta' armi kimiċi.
- t) **Jenfasizza** l-importanza li jitkomplew l-attivitajiet ta' Kooperazzjoni u Assistenza Internazzjonali peress li dawn jaqdu rwol essenzjali fil-kontribut għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-obbligi tal-Istati Parti skont il-Konvenzjoni, kif ukoll biex tiġi żgurata r-rilevanza kontinwa tal-Konvenzjoni bħala strument ewlieni tar-reġim internazzjonali ta' nonproliferazzjoni u diżarm.
- u) **Ifakkar** fl-impenn fit-tul tal-UE li tappoġġa l-isforzi għall-bini tal-kapaċità tal-Istati Parti, inkluż permezz tal-Programm Afrika.
- v) **Jitlob** lis-Segretarjat Tekniku biex ikompli jsaħħaħ approċċ integrat għall-programmi ta' assistenza u kooperazzjoni, billi jevita l-programmazzjoni artikolu b'artikolu kull meta jkun possibbli.
- w) **Isaħħaħ** il-kapaċità tal-OPCW biex twieġeb fil-pront għal talba għal assistenza skont l-Artikolu X.

Dwar iċ-Ċentru ChemTech

- x) **Jilqa' b'interess** il-ftuħ taċ-Ċentru tal-Kimika u t-Teknoloġija ("Ċentru ChemTech") bħala l-inizjattiva ewlenija l-ġdida tal-Organizzazzjoni, li tikkombina attivitajiet ta' laboratorju u ta' verifika tal-ogħla livell mal-kooperazzjoni u l-assistenza internazzjonali.
- y) **Jirrikonoxxi** li ċ-Ċentru ChemTech ser ikun strumentali fl-indirizzar tal-isfidi u l-opportunitajiet emerġenti tax-xjenza u t-teknoloġija.
- z) **Jippromwovi** u jappoġġa l-possibbiltà li jitħarrġu spetturi fiċ-Ċentru ChemTech tal-OPCW.
- aa) **Jappoġġa** l-iżvilupp ulterjuri ta' programmi ta' assistenza u protezzjoni, bl-użu sħiħ tal-faċilitajiet taċ-Ċentru ChemTech, filwaqt li fl-istess ħin isir użu mill-għarfien espert tal-ogħla kwalità disponibbli fl-Istati Parti.
- bb) **Ihegġegħ** it-titjib tas-sistema tal-ġestjoni tal-kontribuzzjonijiet volontarji, inkluż permezz tal-ħruġ regolari ta' lista ta' attivitajiet mhux iffinanzjati biex donaturi potenzjali jagħżlu minnhom. Tali lista għandha tinkludi b'mod partikolari attivitajiet addizzjonali li jistgħu jseħħu fiċ-Ċentru ChemTech.
- cc) **Jenfasizza** li l-għarfien espert u l-kapaċità dwar it-trattament ta' armi kimiċi, armi kimiċi qodma u armi kimiċi abbandunati għandhom jinżammu, filwaqt li l-għarfien espert dwar armi kimiċi mormija fil-baħar għandu jinżamm, jiġi żviluppat aktar u pprovdut, fuq talba mill-Istati Parti kkonċernati biex tiġi appoġġata l-kooperazzjoni volontarja sabiex jiġi indirizzat it-theddid ikkawżat minn armi kimiċi mormija fil-baħar, b'kont meħud tal-aspetti reġjonali rilevanti, u li l-OPCW għandha wkoll tkompli tiżviluppa l-għarfien espert meħtieġ biex jiġu indirizzati l-isfidi f'ambjent ta' sigurtà ġdid, bl-użu sħiħ taċ-Ċentru ChemTech.

Dwar is-Sensibilizzazzjoni, l-Edukazzjoni u l-Kooperazzjoni bejn il-Partijiet Ikkonċernati

- dd) **Jirrikonoxxi** l-għarfien espert tal-Bord Konsultattiv dwar l-Edukazzjoni u s-Sensibilizzazzjoni u r-rwol ewlieni li għandu fir-rakkomandazzjoni ta' attivitajiet edukattivi u ta' sensibilizzazzjoni bil-ħsieb li jissaħħaħ l-involvement mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

- ee) **Jimmassimizza** l-impatt tal-programmi tal-OPCW billi l-istati jiġu mħeġġa jaghzu kandidati bl-aktar potenzjal.
- ff) **Jitlob** lis-Segretarjat Tekniku jiżviluppa aktar Linji Gwida dwar l-aktar suġġetti rilevanti, kif ukoll biex jesplora għodod innovattivi oħra li jistgħu jkunu disponibbli online għall-Istati Parti, bħal korsijiet ta' apprendiment mill-bogħod.
- gg) **Iħeġġeġ** lill-Istati Parti u lis-Segretarjat Tekniku biex ikompli l-isforzi ta' sensibilizzazzjoni tagħhom, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' materjali addizzjonali dwar l-isfidi futuri li qed tiffaċċa l-OPCW, bħall-emerġenza mill-ġdid tal-użu ta' armi kimiċi.
- hh) **Jissottolinja** l-importanza li titqajjem kuxjenza dwar is-CWC u l-viżibbiltà tal-OPCW permezz ta' attivitajiet ta' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni.
- ii) **Jappella** għal aktar linji gwida mfassla apposta għal kumpaniji żgħar u ta' daqs medju biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom f'konformità mas-CWC, kif diskuss mill-Awtoritajiet Nazzjonali f'Doha f'Ottubru 2022.
- jj) **Itenni** l-importanza li l-partijiet ikkonċernati u s-sħab esterni rilevanti kollha jiġu involuti fil-ħidma tal-OPCW, li jvarjaw mill-industrija tal-kimika għad-dinja akkademika, il-gruppi ta' riflessjoni, is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet internazzjonali.
- kk) **Iqis** li huwa kruċjali li tiġi approfondita l-kooperazzjoni mal-industrija tal-kimika, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali rilevanti kif ukoll il-komunitajiet ta' esperti. Fir-rigward tal-Artikolu XI, relazzjoni aktar profonda bejn l-OPCW u l-industriji u l-NGOs korrispondenti tkun ta' benefiċċju biex dawn jitgħallmu mill-esperjenzi ta' xulxin fl-implimentazzjonijiet prattiċi.
- ll) **Jirringrazzja** lis-Segretarjat Tekniku għall-isforzi tiegħu biex iżomm djalogu mal-industrija kimika, f'konformità mal-mandat mogħti mit-Tielet Konferenza ta' Reviżjoni.

- mm) **Jinnota** l-kontributi importanti li taw is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs) biex jappoġġaw l-oġettiv komuni ta' dinja ħielsa mill-armi kimiċi. Il-parteċipazzjoni tagħhom għandha tkun inklużiva u nondiskriminatorja.
- nn) **Iħeġġeġ** l-organizzazzjoni ta' avvenimenti paralleli fil-Konferenza tal-Istati Parti u l-Konferenzi ta' Reviżjoni mas-soċjetà ċivili, l-NGOs u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex isemmgħu leħinhom.

Dwar il-ġeneru

- oo) **Iħeġġeġ** lill-maniġment superjuri tal-OPCW biex ikompli jaħdem favur Segretarjat Tekniku b'aktar ugwaljanza bejn il-ġeneri, divers u inklużiv kif ukoll favur l-applikazzjoni ta' approċċ reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru fid-dokumenti ta' politika, id-deċiżjonijiet u l-programmi u l-attivitajiet fuq il-post kollha fi ħdan l-Organizzazzjoni.
- pp) **Jissottolinja** l-importanza tal-implimentazzjoni rapida tar-rakkomandazzjonijiet tal-Awditu dwar il-Ġeneru u d-Diversità, u **jinkoraġġixxi** tali awditu f'kull ċiklu ta' reviżjoni tal-Konvenzjoni. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali u l-għarfien espert dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż permezz ta' tmexxija reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru, u t-tisħiħ tan-network tal-punti fokali tal-ġeneru jistgħu jappoġġaw l-isforzi għall-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Dwar is-Segretarjat Tekniku

- qq) **Japprezza** l-isforz tas-Segretarjat Tekniku tal-OPCW biex jindirizza l-kwistjonijiet tal-progress u l-isfidi tas-CWC b'mod aktar integrat, filwaqt li jaħdem dwar dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni.
- rr) **Jafferma** l-ħtieġa li jiġi reklutat u miżmum persunal bi kwalifiki għolja u kompetenti biex jiġi żgurat li l-Organizzazzjoni tibqa' adatta għall-iskop u kapaċi timplimenta l-Konvenzjoni u l-kompiti assenjati mill-Istati Parti.

- ss) **Jiproponi** li tiġi emendata l-Politika ta' Pussess tal-OPCW bil-ħsieb li titjieb il-kapaċità tas-Segretarjat Tekniku li jżomm l-għarfien espert ewlieni meħtieġ billi jippermetti li ex persunal, wara diversi snin ta' pawża, jiġi impjegat mill-ġdid fis-servizz għal mandat ġdid ta' 7 snin, u billi jippermetti l-estensjoni tal-kuntratti b'għadd limitat ta' snin addizzjonali, sabiex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni jew it-tlestija b'suċċess ta' komplitu speċifiku.
- tt) **Jappella** lid-Direttur Ġenerali biex jesplora l-possibbiltà li l-OPCW tingħaqad mal-Fond tal-Pensjoni tan-NU bħala mezz addizzjonali biex tiżdied il-kompetittività tal-OPCW bħala impjegatur.
- uu) **Jappella** għal aktar sforzi biex jissaħħu t-taħriġ u l-ġestjoni tal-għarfien tal-persunal biex jittaffew l-effetti tar-rotazzjoni.

Miżuri Oħra

- vv) **Jilqa' bi pjaċir** l-approċċ tematiku u d-diskussjonijiet sostantivi li saru mill-Grupp ta' Ħidma Miftuħ taħt il-Presidenza tal-Ambaxxatur Lauri Kuusing tal-Estonja dwar il-prijoritajiet futuri tal-Konvenzjoni u l-isfidi ffaċċjati minnha, kif ukoll valutazzjoni bir-reqqa tal-implimentazzjoni tagħha matul l-aħħar ħames snin.
- ww) **Jilqa' bi pjaċir** il-progress miksub mir-Raba' Konferenza ta' Reviżjoni fl-implimentazzjoni tal-Artikoli VII, X u XI filwaqt li jirrikonoxxi li huma meħtieġa aktar sforzi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni.
- xx) **Japprezza** r-rwol u l-għarfien espert tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku (SAB) fl-ġhoti ta' pariri lid-Direttur Ġenerali u l-Istati Parti dwar kwistjonijiet relatati max-xjenza u t-teknoloġija, inkluż il-kontribut komprensiv tiegħu għall-Ħames Konferenza ta' Reviżjoni.
- yy) **Jiproponi** li l-Kunsill Eżekuttiv jieħu nota tar-rapporti tal-SAB u li dawn ikunu s-suġġett ta' diskussjoni fil-fond fil-Kunsill Eżekuttiv.

31. Il-Kunsill jappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin li għandhom jittieħdu mill-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-għanijiet imsemmija hawn fuq, inkluż, fejn adatt, permezz ta' démarches ta' sensibilizzazzjoni qabel u matul il-Ħames Konferenza ta' Reviżjoni:
- Thegħgeġ lill-Istati Parti jappoġġaw u jieħdu sehem f'reviżjoni effettiva u sħiħa tal-funzjonament tas-CWC u f'dan il-kuntest itennu l-impenn tagħhom għan-norma internazzjonali fundamentali kontra l-użu tal-armi kimiċi;
 - Tippromwovi l-implementazzjoni nazzjonali sħiħa u effettiva tas-CWC mill-Istati Parti f'konformità mal-Artikolu VII;
 - Tippromwovi l-adeżjoni universali mas-CWC;
 - Tippromwovi l-proposti maqbula tal-UE bil-għan li jkomplu jsaħħu s-CWC;
 - Tippromwovi l-viżibbiltà tal-azzjoni sostantiva u li ilha għaddejja tal-UE b'appoġġ għas-CWC;
 - Toħroġ dikjarazzjonijiet u dokumenti ta' ħidma, kif xieraq, għall-konsiderazzjoni mill-Istati Parti;
 - Tappoġġa l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa possibbli fil-ħidmiet preparatorji u l-attendenza minn rappreżentanti ta' Organizzazzjonijiet Internazzjonali, l-industrija tal-kimika, id-dinja akkademika kif ukoll is-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet nongovernattivi.

Azzjoni tal-UE b'appoġġ għas-CWC u l-OPCW 2004-2023

Fit-22 ta' Novembru 2004, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta l-ewwel Azzjoni Konġunta 2004/797/PESK dwar appoġġ għal attivitajiet tal-OPCW fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda tal-Massa. Dik l-Azzjoni Konġunta ġiet segwita mill-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/913/PESK adottata fit-12 ta' Diċembru 2005; l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/185/PESK adottata fid-19 ta' Marzu 2007; id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/569/PESK adottata fis-27 ta' Lulju 2009; id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/166/PESK adottata fit-23 ta' Marzu 2012; id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/726/PESK adottata fid-9 ta' Diċembru 2013; id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/906/PESK tas-16 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2013/726/PESK b'appoġġ għall-UNSCR 2118 (2013) u l-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW EC-M-33/Dec 1; id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/259/PESK adottata fis-17 ta' Frar 2015; id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2215/PESK adottata fit-30 ta' Novembru 2015 b'appoġġ għar-Risoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2235 (2015);

id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2017/1252/PESK tal-11 ta' Lulju 2017 b'appoġġ għat-tisħiħ tas-sigurtà u s-sikurezza kimika fl-Ukrajna f'konformità mal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom; id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2302/PESK adottata fit-12 ta' Diċembru 2017 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-OPCW għal assistenza fl-operazzjonijiet ta' tindif ta' dak li kien is-sit ta' ħażna tal-armi kimiċi fil-Libja; id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2017/2303/PESK adottata fit-12 ta' Diċembru 2017 li tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2118 (2013).

Mir-raba' Konferenza ta' Reviżjoni fl-2018 'l hawn, il-Kunsill adotta wkoll id-Deċiżjonijiet li ġejjin b'appoġġ għas-CWC u l-OPCW. id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/294 adottata fis-26 ta' Frar 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/259 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-OPCW; id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1943 adottata fl-10 ta' Diċembru 2018 bħala estensjoni mingħajr spejjeż tad-Deċiżjoni tal-Kunsill b'appoġġ għat-tkomplija tal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2118 (2013) u d-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW EC-M-33/DEC.1 dwar il-qerda tal-armi kimiċi Sirjani; id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/538 adottata fl-1 ta' April 2019 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-OPCW; id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1092 adottata fis-26 ta' Ġunju 2019 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2302 li tappoġġa l-attivitajiet tal-OPCW għal assistenza fl-operazzjonijiet ta' tindif ta' dak li kien is-sit ta' ħażna tal-armi kimiċi fil-Libja; id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2112 adottata fid-9 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303 li tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2118 (2013) u d-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW EC-M-33/DEC.1 dwar il-qerda tal-armi kimiċi Sirjani; id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1026 adottata fil-21 ta' Ġunju 2021 b'appoġġ għall-Programm dwar iċ-Ċibersigurtà u r-Reżiljenza Ċibernetika u l-Assigurazzjoni tal-Infurmazzjoni tal-OPCW; id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2073 adottata fil-25 ta' Novembru 2021 b'appoġġ għat-tisħiħ tal-effettività operazzjonali tal-OPCW permezz tal-immaġni bis-satellita; u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/573 adottata fis-7 ta' April 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/538 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-OPCW.